# IT-TRABOKK

*Ta'* W. Borg, O.P.

FIL-KLASSI tiegħi kelli tfal sħabi li, bħalma jagħmlu t-tfal kollha, jiftaħru fuq dak li jkunu għamlu barra mill-iskola. X'uħud minn sħabi kienu tfal tal-egħlieqi, ulied il-bdiewa, u ma kinux jixbgħu jiftaħru fuq l-għasafar li kienu jaqbdu meta jmorru jonsbu ma' missirijiethom jew ħuthom il-kbar. Dak iż-żmien kont għadni ma nifhimx u għalhekk, kull meta kienu jsemmu trabokki u xbieki u dwejriet, kont nibqa' mistagħġeb b'ħalqi miftuħ, nixtieq li nkun naf sew x'riedu jgħidu sewwa sew.

Darba fettilli nasal wasla sa għand Ġanni li kien joqgħod fi ġnien kbir u, fuq ħajt tas-sejjieħ rajtlu bħal qisu għatu talgħuda b'xibka migbura fit-tarf tiegħu, u xi sinniet tar-rummien fuq biċċa għuda żgħira fin-nofs sewwa. Waqaft inħares u staqsejt lil Ġanni:

"Dak x'inhu?"

"Dak trabokk," weġibni Ġanni.

Malajr ftakart fil-kliem li kienu jsemmu sħabi. Ftakart li kienet xi ħaġa bħal dik li kont qed nara li kienu jaqbdu l-għasafar. Imma b'dana kollu ma stajtx nifhem kif għasfur seta' jiġi maqbud fuq daqsxejn ta' għatu. Deherli li nkun naf sewwa sew kif jaħdem trabokk. Irġajt staqsejt:

"Kif jaħdem, Ġann?"

"Qatt ma rajt trabokk jaħdem?" ried jaf Ġanni li donnu lanqas emminni.

"Le", weġibtu jien.

"Ara, ħalli nurik."

Ġanni qabad żrara, telaqha fuq l-għuda ż-żgħira fejn kien hemm ir-rummien u f'daqqa waħda u b'ħeffa tassew kbira, taret molla u x-xibka li kienet imrekkna fit-tarf tal-għatu, infirxet miegħu kollu. Bqajt mibluh inħares. Ġanni ntebaħ bil-għaġeb tiegħi u beda jfissirli.

"Rajt x'jiġri," beda jgħidli, "malli l-għasfur jilmaħ ir-rummien, jinżel biex jieklu u kif jirfes fuq dik il-għuda jħaddem il-molla u jsib ruħu maqbud fix-xibka."

L-ewwel ħsieb li ġieni f'rasi kien li mmur id-dar u nara naħdemx trabokk bħal dak li kelli quddiemi. Bdejt niflih b'għajnejja biex niftakar sew kif kien maħdum, imma aktar ma bdejt inħares aktar ħassejt li ma kellix ħila biżżejjed biex nasal għal biċċa xogħol bħal dik. Tħajjart nistaqsi lil Ġanni jekk kienx jis-

wa ħafna, imma stħajjilt li kien sa jsemmili xi kemxa sew li għaliha ma stajt nasal qatt. Bqajt inħares u ma tkellimt xejn.

"Tridx inbegħhulek?" qalli Ġanni.

"Tbegħhuli?" staqsejtu.

"Iva. Ma jiswiex wisq. U malajr nista' nagħmel ieħor għalija."

"Ma jiswiex wisq, għidtli?"

"Disa' soldi."

Malli semmieli disa' soldi qatagħni minn riġlejja. Li kienu ż-żmenijiet tal-lum, kull tifel imħajjar li jixtri trabokk bħal ma ħassejtni mħajjar jien, kien idaħħal idu fil-but, itih xelin jew żewġ xelini u jitolbu l-bqija. Imma qed nitkel'em fuq erbgħin sena ilu. Dak iż-żmien, disa' soldi kienu disa' soldi u tifel ta' tmien snin kien iħossu miljunarju b'sitt ħabbiet fil-but. Kif qatt seta' jkun li nikseb daqshekk flus biex nixtri trabokk. Ġieni l-ħsieb li mmur insib 'l ommi u nitlobha ttini disa' soldi, imma ħsieb bħal dak kelli ntajru mill-ewwel għax stajt nobsor x'kienet tgħidli.

Imma lħaqt irbatt qalbi mat-trabokk. B'hekk jew b'hekk ridt narah għandi u bdejt nogħdos fi ħsibijieti biex nara kif indabbar disa' soldi minn xi mkien biex nixtrih. Ġanni kien għadu jistenna biex jara x'sa ngħidlu u, biex aktar iħajjarni, reġa' tewa x-xibka, qiegħed il-mo'la, u waddab żrara oħra li malajr ħaddmet it-trabokk bħalma kont rajt qabel. Deherli li kien wasal il-waqt li nwieġeb lil Ġanni u bla ma qist jekk u kif inġib il-flus, tlabtu jibqa' jistennieni ħalli ninżel għalihom.

Il-biċċa l-kbira tat-tfal ma jaħsbux fit-tul. Għax kont tifel u għax minn qattusi qatt ma kont naħseb għal dak li jista' jiġi wara, sakemm wasalt ix-xatt, fejn konna noqogħdu, waħħaltha f'rasi li nissellef xelin minn għand xi ħadd. Usalt quddiem wieħed li kien jismu Karmnu u li kellu ħanut mudlam maħżun bir-raċanċ kollu li kien jixtri minn għand in-nies li jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum mir-rimi kollu li jinġabar mill-baħar jew jintrema minn abbordijiet, u kif rajtu bil-qiegħda fil-bieb, qtajtha li mmur fuqu u nitolbu jislifni xelin.

Deherli li kien jaqbel nitolbu xelin u mhux disa' soldi biex aktar ma nħassbux ħażin. Sibtu bil-qiegħda fil-bieb u rsaqt lejh :

"Karm, qallek in-nannu tista' tisilfu daqsxejn xelin?",

Karmnu tani ħarsa li, għalkemm kont tifel fhimtha sew. In-nannu kien joqgħod xi ħames bibien il-bogħod minnu u għalhekk kien jafu sew. Nista' nobsor li f'għomru kollu n-nannu qatt

ma ssellef xelin la minn għand Karmnu u lanqas minn għand ħaddieħor. Ta' min ifisser li kelli n-nannu raġel fuq l-irġiel, bniedem tal-flus u li qatt ma kien sa jasal biex jissellef xelin lanqas jekk ikun qed imut bil-ġuħ. Barra minn hekk kien bniedem ta' flusu li qatt ma ġie fil-bżonn.

Kien għalhekk li Karmnu ma setax jifhem. Naħseb li raha bi kbira daqs li kieku nqalbet id-dinja. Imma jew għax seta' ħaseb li n-nannu sab li ma kellux żgħar fuqu u ried xelin malajr, jew għax ma kellux wiċċ jibgħat jistaqsih kienx minnu li talbu xelin, naf li daħħal idu fil-but u tani xelin.

Ħassejtni ferħan sa ntir. Tlaqt b'ġirja għal għand Ġanni u xtrajt it-trabokk. Reġa' wrieni kif jaħdem, fissirli li bir-rummien jinqabdu l-pitirrossi, tani tliet soldi bqija u newwilli t-trabokk.

Inżilt ferħan lejn id-dar, imma ħassejt li ma nħallix it-trabokk fejn jidher. Aħseb u ġib min jaħseb u ħbejtu taħt sodda bit-tama li 'l quddiem inkun nista' nżerżaqha 'l ommi li kien taħuli xi ħadd. Irfajt ukoll it-tliet soldi tal-bqija biex malli jkolli disa' soldi (tama daqsxejn fiergħa) inrodd kollox lil Karmnu.

Għal xi l-ħamsa, kull wara nofs in-nhar, in-nannu kien joħroġ siġġu u joqgħod bil-qiegħda quddiem il-bieb. Il-ħamsa ma kinux 'il bogħod wisq u ġie xi jgħidli li Karmnu seta' jilmaħ linnannu fil-bieb u jistaqsih fuq ix-xelin. Ma xtaqtx li jiġri hekk għax kont naf x'kien jiġri wara. Barra minn hekk ma ridtx noħroġ ta' giddieb ma' Karmnu.

Mill-ġdid bdejt naħseb kif sa ndabbar xelin qabel ma jasal il-ħin, imma kien kollu għalxejn.

Fit-tarf tat-triq kien hemm mara ħoxna u qasira jisimha Rożi. Kienet mara fqira ħafna tgħix f'kamra waħda li kont trid tinżel għaliha b'xi ħames tarġiet. Xejn ma qist li min jaf kemm kienet ilha ma tara xelin f'idejha jew li setgħet tmur tlablab ma' xi ħadd. Il-ħsieb li kelli jberren f'moħħi kien li ma jaslux il-ħamsa ta' wara nofs in-nhar u n-nannu jilħaq ikellem lil Karmnu.

Il-bieb ta' Rożi dejjem kien ikun miftuħ. Irsaqt mismut mismut u ħabbattilha. Ilmaħtha riesqa tkaxkar fid-dlam u riedet taf x'ridt.

"Qallek in-nannu tista' tisilfu daqxsejn xelin?" għidtilha.

"Kif inhi din? In-nannu bagħat jitlobni xelin?"

"Biex tislifulu għal ftit," fissirtilha.

"Nixtieq nista' naqdih, imma jaħasra m'għandix."

"Ma ġara xejn. Issa ngħidlu hekk."

Biex ma tmurx tagħmilli xi mistoqsija li tħawwadni biha, meta rajt li ma kienx hemm tama li niġbor dejni minn għand Rożi, lebbitt lejn id-dar b'qalbi maqtugħa u mimlija mrar, dejjem bil-ħsieb li Karmnu ma jdumx ma jsemmi x-xelin linnannu. Dħalt id-dar u qgħadt imwarrab nistenna li jiġri dak li kellu jiġri.

Wara ftit smajt bħal leħen isejjaħ minn barra.

"Sinjura Liż...... sinjura Liż."

Kienet Rożi qed isejjaħ 'l ommi minn taħt il-gallarija.

Wara li sejħtilha xi darbtejn oħra, ommi xirfet biex tara min kien qed isejħilha. Bsart x'kien ġej u mort nixxierek mattrabokk taħt is-sodda.

"Trid xi ħaġa, Roż?" smajt lil ommi tistaqsi.

"Mhux għal xi ħaġa, sinjura Liż, imma għalli jista' jkun missierek bagħat jissellef xi xelin." Kemm tisimgħu tajjeb leħen barra t-triq imqar minn taħt sodda meta leħen il-kuxjenza jkun qed iniggżek.

"Ma fhimtekx taf, Roż,' qatilha ommi.

Rożi tenniet il-mistoqsija tagħha.

Smajt 'l ommi tfissrilha li minn ġod-dar ma setgħetx tkun taf jekk tabilħaqq missierha kienx bagħat jissellef xelin. Ma għandniex xi ngħidu riedet taf ukoll x'kien li ġiegħel lil Rożi taħseb li n-nannu kien bagħat jissellef xelin minn għandha.

Kemm smajtha tajjeb minn taħt is-sodda t-tifsira ta' Rożi:

"Għax għadu kif ġie ibnek għandi u qalli li bagħtu missierek għandi ħalli nisilfu xelin. Deherli li aħjar nistaqsi lilek biex nara tafx xi ħaġa għax, ngħidlek is-sew ma niżlitlix."

"Liema minnhom?" staqsietha ommi.

"Il-fustani."

"Issa nsibu u nistaqsih. Ħalli f'idejja Roż."

"Jekk misserek jgħidlek xi ħaġa, għidlu li tassew ma kellix."

"Taħseb xejn għax ngħidlu."

Smajt lil Rożi tkaxkar u titbiegħed u ħassejt 'l ommi dieħla mill-gallarija. Kienet taf li kont x'imkien fid-dar u sejħitli. Ma kienx baqagħli x'nagħmel ħlief li nistqarr is-sewwa għax kien jaħbatli agħar kieku ma weġibtx jew bqajt mistoħbi hemm taħt. Malli lemħitni ħiereġ minn taħt is-sodda staqsietni millewwel x'kont mort nagħmel għand Rożi.

Stqarrejt kollox u m'hemmx għalfejn ngħid x'ħasla qlajt. B'dana kollu kont qed nistenna li sa ttini xelin u tibagħtni bih għand Karmnu. Imma ma għamletx hekk.

"Fejn hu t-trabokk?" riedet taf.

Irġajt dħalt taħt is-sodda u ħriġt bih.

"Ara kemm hu sabiħ ma;" għidtilha. "Jekk tħallini nżommu nibda naqbad ħafna għasafar, u nkun nista' nbiegħhom u nagħmlu ħafna flus. Halli nurik kemm jaħdem ħelu."

"Turini xejn. Mnejn xtrajtu?" Staqsietni bil-ħatfa.

"Minn għand Ġanni tat-telgħa."

"Mela erġa' ħudhulu u għidlu li ma rridx trabokki hawn ġew."

"Naqbad ħafna għasafar bih, ma. Issa tara kemm naqbad pitirrossi."

"Qed ngħidlek erġa' ħudu 'l Ġanni. Hsibtni sa nħallik tiġġerra fl-egħlieqi biex taqa' f'xi ġiebja?"

"Le, ma. Nibda nonsob fuq il-bejt".

"Qed ngħidlek ħudhulu lura".

"Għax issa nistħi minn Ġanni. Mur ara xi jgħid."

"Jgħid li jrid. Aqbad dak itt-rabokk u għidlu jtik ix-xelin lura."

"Mhux xelin jiswa. Disa' soldi biss."

"Jiswa kemm jiswa. Qed ngħidlek ħudhulu".

Kien kollu għalxejn. Bid-dmugħ f'għajnejja kelli naqbad it-trabokk u mmur lura bih. Qatt bniedem li tilef irġulitu maddinja kollha ma mexa mċekken u b'rasu mgħaddsa fil-mistħija daqsi. Xtaqt li ma nasal qatt għand Ġanni. Xtaqt li kelli disa' soldi f'idejja halli narmi t-trabokk u mmur bil-flus lura taparsi ġej bihom minn għandu. Imma mxejt kemm imxejt bil-qajla, fl-aħħar wasalt.

Sibt lil Ġanni fil-ġnien.

"Mela irġajt ġejt?" staqsieni Ġanni.

"Għax... għax... ommi ma tridnix inżommu."

Ġanni nefaħ nefħa. Ha t-trabokk minn idejja u daħħal idu fil-but biex iroddli flusi.

"Aktar jien ukoll, inbigħ lit-tfal," beda jgerger.

Malli sibt il-flus f'idejja, tlaqt b'ġirja lejn il-dar. Għbart ittliet soldi tal-bqija, għamilthom mad-disgħa l-oħra u mort għand Karmnu. In-nannu kien fil-bieb x'ħin għaddejt minn quddiemu, imma kien għadu ma jaf b'xejn. Dħalt ħdejn Karmnu. Tajtu x-xelin.

"Qallek in-nannu, grazzi," għidtlu.

U ħallejtu f'ħanutu jgħodd it-tnax-il sold li tajtu. Min jaf gergirx għan-nannu talli, minn fuq li kien bagħtlu xelin ġdid tal-fidda, bagħtlu lura ħdax-il sold u żewġ sittiet.